MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1302/1999/1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-2 ta' Marzu, 1974 skond kif jirrizulta mill-anness certifikat li qed jigi esebit bhala Dokument A.

Peress illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal France, maggorenni, Sylvan, maggorenni u Ronald ta' sbatax-il sena (Dokument B).

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut.

Peress illi b’ digrieti numru 1409/98 tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni a mensa et thoro, kopja ta’ liema digrieti qed jigu esebiti bhala Dokument C u Dokument D.

Jghid il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Takkorda l-kura u l-kustdja tat-tifel minuri fuq imsemmija.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tifel minuri taghha.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’ zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u okkorrendo ta’ nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominand.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

a. Illi hu konfermat li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Marzu, 1974.

b. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tfal kollha huma llum mizzewgin.

c. Illi hu minnu li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, pero' tort tal-istess attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, ghalkemm l-esponent, nonostante d-diffikultajiet kollha ghamel minn kollox biex izomm il-familja maghquda.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob i-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut peress li z-zwieg taghhom tkisser irrevokabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lilu kontemplati fl-artikolu 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
Minn naha tieghu l-konvenut jaccetta li z-zwieg tkisser irremedjabbilment, izda jimputa t-tort lill-attrici, minghajr ma jispecifika l-bazi legali ta' dan it-tort.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Marzu 1974 meta allura l-attrici kellha 17-il sena u l-konvenut kellu 25 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li llum huma maggjorenni.

Illi l-attrici tghid u tirrakkonta fid-dettal kif il-hajja konjugali ma' zewgha saret impossibbli ghaliha, kagun tal-vjolenza

psikologika u morali li hija kienet issofri mill-komportament abusiv da parti ta’ zewgha l-konvenut. Hija tispjega li l-konvenut kellu l-vizzju tal-loghob bir-rizultat li kien xhih kemm maghha kif ukoll ma’ uliedu; huwa persuna dominant u meta hi ma kinitx iccedi ghall-volonta’ tieghu kien jerfa’ jdejh fuqha, anke fejn jidhlu r-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom li matulhom l-attrici kien ikollha tissubixxi attivita’ sesswali mhux normali minn naha ta’ zewgha. Rizultat ta’ dan it-trattament hazin da parti ta zewgha, l-attrici kienet tisfoga fil-pilloli u fix-xorb; u f’ sitt okkazzjonijiet separati kienet irrikorret ghar-rifugju f’ Dar Merhba Bik fejn gieghli ghamlet perijodu twil hemmhekk, izda sussegwentement kienet tirritorna lura d-dar minhabba t-tfal taghhom.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li ma cahadx dan il-komportament abusiv attribwit lilu, jattribwixxi t-tifrik taz-zwieg tieghu ghall-indhil esegerat minn naha ta’ omm l-attrici; ukoll ghall-fatt li l-attrici “ghal xi raguni” bdiet tibla l-pilloli u bdiet tixrob, bir-rizultat li kienet ghamlet xi zmien l-Isptar Mount Carmel ghall-mistrieh. Huwa jghid li minhabba l-kondizzjoni taghha hi kienet titraskura t-tfal. Huwa jsemmi okkazzjoni fejn, wara li l-attrici kienet marret Merhba Bik, hija riedet tirritorna lura d-dar izda huwa “ma ridtx li jkolli problemi, u jien ma accettajthiex”, izda fl-istess nifs jghid li “kienet fuq inizjattiva taghha li qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali u hallietni bi tlett subien li kienu ghadhom qed jikbru.” Il-konvenut ghalhekk jattribwixxi t-tkissir taz-zwieg lill-attrici.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi l-Qorti, wara ezami rett tal-provi migjuba, hija tal-fehema li l-versjoni attrici hija aktar verosimili kunsidrata fl-isfond ta’ l-assiem tal-provi. Il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li l-konvenut ma cahadx il-komportament abusiv attribwit lilu mill-attrici li matul il-konvivenza matrimonjali sofriet vjolenza, fisika u morali, ripetuta da parti ta’ zewgha u apparti mill-fatt li mhijex verosimili t-tesi tieghu li l-attrici bdiet tibla l-pilloli u tixrob “ghal xi raguni” li donnu hu ma jafx x’ kienet, il-versjoni attrici issib grad ta’ konfort u sostenn fid-deposizzjoni tad-Direttrici tad-Dar Merhba

Bik fejn l-attrici kienet ghamlet perijodi twal u kellha kuntatt kontiwu u personali ma' l-istess direttrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment u dan esklussivament tort tal-konvenut li bil-komportament abusiv tieghu, ripetut u abitwali li jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40, irrenda l-konvivenza konjugali mpossibbli ghall-attrici li konsegwenzjalment kienet kostretta, u mhux abbandunat fit-termini ta' l-artikolu 41, titlaq mid-dar konjugali u ssib rifugju band' ohra sakemm tigi deciza l-kawza odjerna.

**Manteniment**
Illi l-attrici qieghda titlob manteniment ghaliha u ghat-tfal li f' dak iz-zmien kienu ghadhom minorenni. Illum it-tfal saru maggjorenni, u ghalhekk din it-talba tista' treggi biss fil-konfront ta' l-attrici.

Il-Qorti tosserva li l-provi in propositu huma skarsi ghall-ahhar, u ma ngabet ebda prova dwar l-introitu tal-konvenut.

F' dan ir-rigward jirrizulta provat li skond digriet mahrug mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla Civili fis-17 ta' Novembru 1998 il-konvenut gie ordnat li pendent lite jhallas lil martu retta alimentarja mensili ta' Lm40 Skond id-deposizzjoni ta' l-attrici mghotija quddiem din il-Qorti fl-10 ta' Mejju 2007, li ma gietx kontradetta, il-konvenut aderixxa ma' din l-ordni, biss ghat-tlett xhur sussegwenti "imbaghad inqata' kollox" u lill-attrici ma kienx taha aktar manteniment bir-rizultat li dina bdiet u ghadha tghix fuq l-assistenza socjali, stante li hi mhijiex fil-posizzjoni li tahdem

Ghaldaqstant l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma komplessiva ta' Lm5,680 rapprezentanti manteniment arretrat bir-rata mensili ta' Lm40 minn Marzu 1999 sa' April 2008; u konsegwenzjalment il-konvenut qed jigi ordnat li jhallas din is-somma lill-attrici.

Illi rigward il-manteniment futur, il-Qorti, filwaqt li tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut bhala l persuna hatja ghas-separazzjoni ta' bejniethom, tirribadixxi li l-provi dwar il-qligh jew l-introitu tal-konvenut huma mankanti. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici, bhala manteniment ghaliha, percentagg ta' erbghin fil-mija [40%] ta' l-introitu nett kollu tieghu, u li dan il-manteniment ghandu jitnaqqas direttament mis-salarju tieghu u mill-beneficji socjali li talvolta huwa qed, jew ser, jippercepixxi.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

In propositu l-Qorti tosserva li l-provi huma skarsi, u jikkonsistu biss fl-affidavit ta' l-attrici prezentat fl-20 ta' Gunju 2005 [fol.159], notifikat lill-konvenut, izda li ma gietx respint minnu bl-ebda mod. Barra minnhekk tirrizulta mhux kontraddetta l-istima li l-attrici ghamlet tad-dar konjugali, fis-somma ta' Lm60,000, u tal-ghamara fl-ammont ta' Lm4,000.

Mill-provi jirrizulta li l-assi tal-komunjoni jikkonsistu fis-segwenti:
[1] Id-dar matrimonjali bl-isem 'Lorpol' numru 56 Triq il-Farfett tal-Fejgel ix-Xghajra Haz Zabbar;
[2] l-effetti mobbli ndikati dettaljatament mill-attrci fl-imsemmi affidavit taghha tal-valur komplessiv ta' Lm4,000;
[3] flus kontanti fl-ammont ta' Lm1,000;
[4] deposizu bankarju 'joint' nru.404149431 ma' l-allura Mid-Med Bank li skond statement prezentat mill-attrici kien fih Lm2,104.12 fil-11 ta' Jannar 1999, filwaqt li l-konvenut gibed is-somma ta' Lm2,099 fl-4 ta' Gunju 1999;
[5] Zewg vetturi li skond l-attrici r-ragel kien xtrahom mill-idejn fil-prezz ta' Lm200 u Lm250;
[6] Is-somma ta' Lm10,000 li hija nofs il-pensjoni li ha l-konvenut meta hareg mit-Tarzna.

Illi fin-nota taghha tat-8 ta' Jannar 2007 [fol.188] l-attrici tindika l-oggetti li tixtieq li jigu ritornati lilha mill-konvenut u li kienu nghataw lilha minn uliedha. Dawn huma: tlett inkwatri tac-Cinizi, sett tat-te tal-fidda, "hafna" vazuni tal-

fuhhar, bomblu, linfa u zewg brazzi, mejda b’ wicc ta’ l-irham taht it-tarag u mrewha.

Illi fl-istess nota l-attrici esprimiet ix-xewqa taghha li ma tixtieqx tmur lura tghix fid-dar konjugali, u l-pretensjoni taghha f’ dan ir-rigward hija li l-konvenut jghatiha nofs il-valur taghha cioe’ is-somma ta’ Lm30,000.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tikkonsidera opportuna u gusta s-segwenti qsim ta’ l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti; u ghalhekk tordna li:

[a] il-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm500 rappresentanti nofs mill-flus kontanti li kienu fid-dar konjugali u li halliethom warajha meta kienet kostretta titlaq; is-somma ta’ Lm1,050 rapprezentanti nofs il-flus li kien hemm fid-depozitu bankarju fuq indikat; u s-somma ta’ Lm5,000 rapprezentanti nofs il-gratuity percepita mill-konvenut – b’ kollox €15,261.50 ekwivalenti ghal Lm6,550;

[b] minn naha taghha l-attrici tassenja lill-konvenut is-sehem taghha cioe’ in-nofs l-iehor ta’ l-ammonti fuq indikati; qed tassenja wkoll sehemha miz-zewg vetturi li jinsabu fil-pussess tal-konvenut; u wkoll sehemha mill-bilanc li fadal fil-kont bankarju fuq indikat;

[c] Il-konvenut ghandu jikkonsenja lill-attrici b’ effett immedjat l-oggetti fuq indikati li skond l-attrici kienu nghataw lilha bhala rigal minn uliedha;

[d] Illi d-dar konjugali bl-isem ‘Lorpol’ numru 56 Triq il-Farfett tal-Fejgel ix-Xghajra Haz Zabbar, flimkien ma’ l-effetti mobbli li hemm fiha, salv dawk fuq indikati, tinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sitt xhur millum; wara liema perijodu, u jekk l-bejgh ma jkunx ghadu sar, kemm id-dar kif ukoll il-mobbli jinbighu bis-subbasta ghall-prezz li ma jkunx inferjuri ghall-valuri fuq indikati ta’ Lm60,000 [id-dar] u Lm4000 [il-mobbli].

Konsegwentement, il-konvenut minn issa qed jigi ordnat li mhux aktar tard mid-29 ta' Novembru 2008 huwa jivvaka l-imsemmija dar.

Illi r-rikavat tal-bejgh ghandu jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali, sabiex wahda tinghata lill-attrici; u l-porzjoni l-ohra, wara li jitnaqqsu minnha s-somom ta' Lm6,550 u ta' Lm5,680 [manteniment arretrat] li ghandhom jizdiedu mas-sehem ta' l-attrici, tinghata lill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija esklussivament tal-konvenut;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum m' ghadhomx minorenni;

[3] tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-manteniment ghall-attrici, kif fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni ntestata “Manteniment”;

[4] tilqa' ir-raba' talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-likwidazzjoni ta' l-istess u l-assenjazzjoni taghha skond kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestesta ‘Komunjoni ta' l-Akkwisti”; u kif fuq ordnat il-konvenut minn issa qed jigi ordnat li mhux aktar tard mid-29 ta' Novembru 2008 jivvaka l-imsemmija dar.

[5] tilqa' l-hames talba fir-rigward ta' l-oggetti fuq indikati.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Il-Qorti tordna li a kura tar-Registratur kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi Socjali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------